



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 1 ta' Ġunju 2006

10077/06


**ENV 331
ENT 88**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	1 ta' Ġunju 2006
Suġġett:	Proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda l-anness V għar-regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-direttiva 79/117/KEE

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

Mehmuż: COM(2006) 252 finali



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 31.5.2006
KUMM(2006) 252 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda l-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament u tal-Kunsill
dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Artikolu 7(5) tar-Regolament (KE) 850/2004 dwar pollutanti organiċi persistenti jipprovdi li l-limiti ta' konċentrazzjoni fl-Anness V għandhom jiġu stabbiliti għall-għanijiet tal-paragrafu 4(b) qabel il-31 ta' Diċembru 2005, konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 17(2). Skond l-Artikolu 17(1), il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni 75/442/KEE fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-iskart skond dan ir-Regolament.

Skond dan, il-Kummissjoni ressqet abbozz ta' Regolament għall-vot fil-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE dwar l-iskart fil-25 ta' Jannar 2005. Ma kienx hemm maġġoranza kkwalifikata favur l-abbozz tar-Regolament.

Għalhekk, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE qed titressaq Proposta għal Regolament tal-Kunsill lill-Kunsill. Jekk il-Kunsill ma jkunx ħa azzjoni fi żmien tliet xhur mid-data ta' riferiment tal-proposta, il-miżuri proposti jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda l-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament u tal-Kunsill
dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE¹, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 7(6), u l-Artikolu 14(3), tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni mexxiet studju dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet marbuta ma' l-iskart tar-Regolament Nru (KE) 850/2004. L-istudju stabbilixxa limiti ta' konċentrazzjoni għall-iskopijiet tal-parti 2 ta' l-anness V tar-Regolament (KE) 850/2004. Lil hinn minn dak, ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ma jistgħux jiġu esklużi. Għalhekk l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 għandu jiġi emendat kif xieraq;
- (2) Għat-toxaphene, taħlita ta' 'l fuq minn 670 sustanza, mhijix disponibbli l-ebda metodoloġija analitika miftiehma u rilevanti biex tiġi ddeterminata l-konċentrazzjoni totali. Madankollu, l-istudju msemmi hawn fuq ma identifikax xi stocks li jkkonsistu minn, jew fihom, jew huma kkontaminati bit-toxaphene fl-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, l-istudju juri li, kull meta ġew lokalizzati xi pestiċidi organiċi persistenti li jniġġsu fl-iskart, il-konċentrazzjonijiet tagħhom normalment kien għoli meta mqabbel mal-limiti tal-konċentrazzjoni proposta. Għalhekk, għalissa, il-metodoloġiji analitiċi disponibbli għad-determinazzjoni tat-toxaphene jista' jkunu ikkunsidrati bħala tajbin għall-għan ta' dan ir-Regolament.
- (3) Il-limitu ta' konċentrazzjoni għal PCDF/PCDD huwa espress fil-konċentrazzjoni tossika ekwivalenti ("TEQ"), li tuża l-fatturi ta' ekwivalenza tat-tossiċità ("TEFS") ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ta' l-1998. Id-dejta disponibbli dwar id-*dioxin-like PCB* mhuwiex biżżejjed biex jinkludi dawn it-taħlitiet fit-TEQ.
- (4) Il-Hexachlorocyclohexane (HCH) huwa l-isem tat-taħlita teknika ta' l-isonomi varji. Li jiġu analizzati b'mod komplet ikun sforz inadegwat. L-alpha-, beta- u l-gamma-HCH biss huma ta' rilevanza tossikoloġika. Għalhekk il-limitu ta' konċentrazzjoni

¹ ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7 il-verzjoni kkoreġuta fil-ĠU 229, 29.6.2004, p.5.

jirreferi għalihom b'mod esklussiv. Hawn taħlitiet analitiċi standard disponibbli kummerċjalment għall-analiżi ta' din il-klassi ta' komposti jistgħu jidentifikaw biss dawn l-isomeri.

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma l-aktar xierqa biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni.
- (6) Il-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 850/2004 ma ta l-ebda opinjoni dwar il-miżuri stipulati fl-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni wara l-konsultazzjoni tiegħu, fil-25 ta' Jannar 2006, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17(2) ta' dak ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V mar-Regolament (KE) Nru 850/2004 huwa emendat skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

It-tabella fil-Parti 2 ta' l-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 hija mibdula b'dan li ġej:

Skartijiet kif klassifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE		Il-limiti massimi ta' konċentrazzjoni elenkati fl-Anness IV ⁵	Operazzjoni
10	SKART MINN PROĊESSI TERMALI	Aldrin: 5000 mg/kg;	Ħżin permanenti biss fi: – formazzjonijiet ta' blat iebes, sikur u fil-fond taħt l-art – minjieri tal-melħ jew – sit tal-landfill għall-iskart perikoluż (sakemm l-iskart kien issolidifikat jew parzjalment stabilizzat meta jaqbel teknikament kif meħtieġ għall-klassifikazzjoni ta' l-iskart fis-sottokapitolu 19 03 tad-Deċiżjoni 2000/532/KE) fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE² u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE³ tħarsu u fejn intwera li l-operazzjoni magħżula hija preferibbli mil-lat ambjentali.
10 01	Skartijiet minn impjanti ta' l-enerġija u impjanti oħra ta' kombustjoni (minbarra 19)	Chlordane: 5000 mg/kg;	
10 01 14 (*) ⁴	<i>Bottom ash, slag u boiler dust</i> mill-ko-inċinerazzjoni li fihom sustanzi perikolużi	Dieldrin: 5000 mg/kg;	
10 01 16 (*)	<i>Fly ash</i> mill-ko-inċinerazzjoni li fiha sustanzi perikolużi	Endrin: 5000 mg/kg;	
10 02	Skart mill-industrija tal-ħadid u l-azzar	Heptachlor: 5000 mg/kg;	
		Hexachlorobenzene: 5000 mg/kg;	
		Mirex: 5000 mg/kg;	
		Toxaphene: 5000 mg/kg;	
		Polychlorinated Biphenyls (PCB) ⁶ : 50 mg/kg	
		DDT (1,1,1-trichloro-2,2-bis(4-chlorophenyl) ethane): 5000 mg/kg;	
		Chlordecone: 5000 mg/kg;	
		Polychlorinated dibenzo-p-dioxins and dibenzofurans (PCDD/PCDF) ⁷ 5 mg/kg; the sum of alpha-, beta- and gamma- HCH: 5000 mg/kg;	
		Hexabromobiphenyl: 5000 mg/kg	

² Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar il-landfills ta' l-iskart (ĠU 182, 16.7.1999), p. 1) Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE tad-19 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi l-kriterji u l-proċeduri għall-aċċettazzjoni ta' l-iskart u l-landfills skond l-Artikolu 16 u l-Anness II tad-Direttiva 1999/31/KE (ĠU L 11, 16.1.2003. p.27).

Skart kif ikklassifikat fil-Kummissjoni Deċiżjoni nru. 2000/532/KE.		Il-limiti massimi ta' konċentrazzjoni tas-sustanzi elenkati fl-Anness IV	Operazzjoni
10 02 07 (*)	Skart solidu minn trattament ta' gass li fih sustanzi perikolużi		
10 03	Skart minn proċessi termali tal-metallurgy ta' l-aluminju		
10 03 04 (*)	Fdalijiet mill-produzzjoni primarja		
10 03 08 (*)	Fdalijiet tal-melħ mill-produzzjoni sekondarja		
10 03 09 (*)	<i>Drosses</i> suwed mill-produzzjoni sekondarja		
10 03 19 (*)	Trab tal- <i>flue-gas</i> li fih sustanzi perikolużi		
10 03 21 (*)	Partikolati oħra u trab (inkluż it-trab <i>ball-mill</i>) li fih sustanzi perikolużi		
10 03 29 (*)	Skart mit-trattament tal-fdalijiet tal-melħ u l-irmoxk iswed li fih sustanzi perikolużi		
10 04	Skart minn proċessi termali tal-metallurgy taċ-ċomb		
10 04 01 (*)	Fdalijiet minn produzzjoni primarja u sekondarja		
10 04 02 (*)	Irmoxk minn produzzjoni primarja u sekondarja		
10 04 04 (*)	Trab <i>flue-gas</i>		
10 04 05 (*)	Partikolati oħra u trab		
10 04 06 (*)	Skart solidu minn trattament tal-gass		

10 05	Skart minn proċessi termali tal-metallurgy taż-żingu		
10 05 03 (*)	Trab <i>flue-gas</i>		
10 05 05 (*)	Skart solidu minn trattament tal-gass		
10 06	Skart minn proċessi termali tal-metallurgy tar-ram		
10 06 03 (*)	Trab <i>flue-gas</i>		
10 06 06 (*)	Skart solidu minn trattament tal-gass		
10 08	Skart minn proċessi termali tal-metallurgy mhux tal-ħadid		
10 08 08 (*)	Fdalijiet tal-melħ minn produzzjoni primarja u sekondarja		
10 08 15 (*)	Trab tal- <i>flue-gas</i> li fih sustanzi perikolużi		
10 09	Skart mill-casting ta' biċċiet tal-ħadid		
10 09 09 (*)	Trab tal- <i>flue-gas</i> li fih sustanzi perikolużi		
16	SKART MHUX SPEĊIFIKAT MOD IEĦOR FIL-LISTA		
16 11	<i>Waste linings u refractories</i>		
16 11 01 (*)	Linings ibbażati fuq il-karbonju u refractories minn proċessi metallurġiċi li fihom sustanzi perikolużi		
16 11 03 (*)	Linings oħra u refractories minn minn proċessi metallurġiċi li fihom sustanzi perikolużi		

Skartijiet kif klassifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE		Il-limiti massimi ta' konċentrazzjoni tas-sustanzi elenkati fl-Anness IV	Operazzjoni
17	SKART MILL-KOSTRUZZJONI U D-DEMOLIZZJONI (INKLUŻA L-ĦAMRIJA MAQLUHA MINN POSTIJET IKKONTAMINATI)		
17 01	konkrit, briks, madum u ċeramika		
17 01 06 (*)	Taħlitiet, jew frazzjonijiet separati ta' konkrit, briks, madum u ċeramika li fihom is-sustanzi perikolużi.		
17 05	Ħamrija li tinkludi ħamrija maqluha minn postijiet ikkontaminati, ġebel u <i>dredging spoil</i>		
17 05 03 (*)	Frazzjoni inorganika ta' ħamrija u ġebel li fihom sustanzi inorganiċi		
17 09	Skart ieħor ta' kostruzzjoni u demolizzjoni		
17 09 02 (*)	Skart ta' kostruzzjoni jew demolizzjoni li fihom il-PCB, minbarra tagħmir li fih il-PCB.		
17 09 03 (*)	Skart ieħor ta' kostruzzjoni u demolizzjoni li fih sustanzi perikolużi		

Skartijiet kif klassifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE		Il-limiti massimi ta' konċentrazzjoni tas-sustanzi elenkati fl-Anness IV	Operazzjoni
19	SKART MINN FAĊILITAJIET TA' SKART, IMPJANTI GĦAT-TRATTAMENT TA' L-ISKART TA' L-ILMA BARRA L-POST U L-PREPARAZZJONI TA' L-IMLA MAĦSUB GĦALL-KONSUM TAL-BNIEDEM U ILMA GĦALL-UŻU INDUSTRIJALI		
19 01	Skart minn ħruq u l-pyrolysis ta' l-iskart		
19 01 07 (*)	Skart solidu minn trattament tal-gass		
19 01 11 (*)	<i>Bottom ash</i> u <i>slag</i> li fihom sustanzi perikolużi		
19 01 13 (*)	Fly ash li fiha sustanza perikoluża		
19 01 15 (*)	Trab tal- <i>boiler</i> li fih sustanzi perikolużi		
19 04	Skart vitrifikat u skart mill-vitrifikazzjoni		
19 04 02(*)	<i>Fly ash</i> u trattament ieħor ta' l-iskart tal- <i>flue-gas</i>		
19 04 03 (*)	Fażi solida mhux vitrifikata		

⁴ Kwalunkwe skart mmarkat b'asterisk (*) huwa ikkunsidrat bħala skart ta' periklu skond id-Direttiva 91/689/KEE fuq skart perikoluż (ĠU L 337, 31. 12. 1991, p. 20. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 94/31/KE, ĠU L 168, 2. 7. 1991, p. 28), u hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

⁵ Il-limiti japplikaw esklussivament għas-sit tal-landfill għall-iskart perikoluż.

⁶ Fejn ikun applikabbli, għandu jiġi applikat il-metodu ta' kalkolazzjoni stipulat fl-istandards Ewropej EN 12766-1 and EN 12766-2.

⁷ Il-limitu jiġi kkalkulat bħala PCDD u PCDF skond il-fatturi ta' ekwivalenza tossika (TEFs) li ġejjin:

PCDD	TEF
2,3,7,8-TeCDD	1
1,2,3,7,8-PeCDD	1
1,2,3,4,7,8-HxCDD	0.1
1,2,3,6,7,8-HxCDD	0.1
1,2,3,7,8,9-HxCDD	0.1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDD	0.01
OCDD	0.0001
PCDF	
2,3,7,8-TeCDF	0.1
1,2,3,7,8-PeCDF	0.05
2,3,4,7,8-PeCDF	0.5
1,2,3,4,7,8-HxCDF	0.1
1,2,3,6,7,8-HxCDF	0.1
1,2,3,7,8,9-HxCDF	0.1
2,3,4,6,7,8-HxCDF	0.1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDF	0.01
1,2,3,4,7,8,9-HpCDF	0.01
OCDF	0.0001